MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 696/1999/1

**Paul Farrugia, Giljan Farrugia u John Farrugia u b'digriet tat-12 ta' April 2010 stante l-mewt ta' Paul Farrugia, gew nominati Dr. Henry Antoncich u P.L. Doreen Aquilina bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lil Anna Borg, Josephine Sammut, Sylvia Scicluna u Doris Farrugia u b'digriet tal-14 ta' Gunju 2010 Giljan u John, ahwa Farrugia, assumew l-atti tal-kawza ghan-nom ta' ohthom Carmen Farrugia, mart Marcello d'Agostino, li tinsab assenti minn Malta**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kostituzzjonali pprezentat mir-rikorrenti fit-30 ta’ Marzu 1999, li jaqra hekk:

“1. Illi l-esponent Paul Farrugia huwa proprjetarju ta’ razzett b’raba anness maghruf “Lourdes Farmhouse”, Sigra Lane, San Gwann fejn attwalment joqghodu u l-esponenti uliedu Giljan Farrugia u John Farrugia jikkoltivaw tali raba; inoltre l-esponenti ghandhom imqabbel ghandhom minghand is-socjeta` Attard Estates Limited l-ghalqa maghrufa tal-Ballut, San Giljan u minghand Costantino Attard l-ghalqa adjacenti wkoll maghrufa tal-Ballut, San Giljan;

“2. Illi l-esponenti Giljan Farrugia u John Farrugia huma *“full time farmers”* u jikkoltivaw tali raba tant li jiehdu tliet ucuh minnha kull sena, irabbu l-baqar tal-halib u ghaldaqstant l-ghixien taghhom u tal-familji taghhom jiddependi biss minn tali raba;

“3. Illi l-esponenti saru jafu illi ttiehdu proceduri ta’ esproprjazzjoni ta’ tali art u dan sabiex tinghata lis-socjeta` kummercjali MS & A Developments Limited; fil-fatt saret Notifikazzjoni Numru 589 ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta’ Lulju 1998 fejn il-President ta’ Malta ddikjara illi l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici a tenur tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal skopijiet pubblici (Kapitolu 88), kopja tad-Dikjarazzjoni esebita Dok. “A”;

“4. Illi s-suespost jivvjola l-Artikoli 36, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 3, 6, 8, u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali, hawn taht (il-Konvenzjoni) kif ukoll protett fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“5. Illi tali agir qieghed jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti ghaliex huwa l-uniku mezz ta’

ghixien tieghu, vjolazzjoni tad-dritt li ma jittehidx pussess b'mod obbligatorja hlief kontra hlas ta' kumpens xieraq a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropjea li jipprekludi l-privazzjoni ta' jew parti minnhom beni hlief fl-interess pubbliku u soggett ghall-kondizzjonijiet provduti mil-ligi u skond principji generali ta' Dritt Internazzjonli ghaliex dan qed jittiehed fil-fatt ghal skopijiet u fl-interesss ta' ditta privata kummercjali u mhux ghal skopijiet pubblici, ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 ghaliex l-esponent jghix fil-fond u fir-raba, u vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropjea ghaliex gie mcahhad minn smiegh xieraq fil-process ta' protezzjoni ghad-drittijiet tieghu u f'kuntest ta' drittijiet u obbligazzjoni ta' natura civili.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

"1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija procedura ta' esproprjazzjoni kif fuq espost u indikat tivvjola d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-esponent protetti a tenur tal-Artikoli 36, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 3, 6, 8, u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali kif ukoll protett fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. taghti kull rimedju u direttiva opportuna fic-cirkostanzi.

"Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi."

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 stante li dak li qieghed jigi attakkat huwa l-att amministrattiv tal-Kummissarju tal-Artijiet taht l-Ordinanza dwar Akkwist ta' Artijiet ghal-Skopijiet Pubblici li permezz tieghu gie dikjarat li l-artijiet li r-rikorrenti ghandhom interess fihom huma mehtiega ghal skop pubbliku.

“2. Illi sostanzjalment ir-rikors promotur javvanza allegazzjoni ta’ ksur ta’ ligi u abbuz ta’ poter li dwarha jezisti rimedju ordinarju fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u huwa ghalhekk opportun illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taht l-Att XIV tal-1987 dwar l-istess allegazzjonijiet.

“3. Illi l-kawza odjerna hija prettament dwar esproprjazzjoni ta’ proprjeta` u ma tqajjem ebda kwistjoni dwar trattament inuman jew degradanti, kif allegat mir-rikorrenti, taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

“4. Illi l-fatti allegati ma jqajjmu ebda kwistjoni rigwardanti d-dritt ghall-intimita` tad-dar protett mill-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi fi kwalunkwe kaz (u jinghad “fi kwalunkwe kaz” ghax ma jidhirx mill-pjanti illi l-art esproprjata tinkludi xi bini) dawn l-artikoli bl-ebda mod ma jfissru illi ebda dar ma tista’ tigi esproprjata.

“5. Illi l-fatti allegati ma jqajjmu ebda kwistjoni taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni billi ma hemm xejn f’dawk l-artikoli li jfisser illi l-Gvern ma jistax jesproprja proprjeta` hlief wara process gudizzjarju. Illi d-diskrezzjoni tal-Gvern fl-ezercizzju tal-poter tieghu li jesproprja proprjeta` hija sindakabbli fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u hija wkoll sindakabbli fuq il-livell tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u wkoll fuq il-livell Kostituzzjonali u certament ghalhekk ma jistax jinghad illi r-rikorrenti gew imcahda mid-dritt ghall-access ghall-Qrati garantit bl-imsemmija artikoli.

“6. Illi kwantu bazata fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija prekluza fit-termini tal-Artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni.

“7. Illi kwantu bazata fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja l-azzjoni hija nfondata

peress illi t-tehid in kwistjoni qieghed isir skond il-ligi, taht obbligu legali, sindakabbli minn tribunal indipendenti u imparzjali, ta' hlas ta' kumpens, u ghal skop pubbliku illi jikkonsisti fil-ftuh ta' triq pubblika.

"Illi l-art taht il-process ta' esproprjazzjoni hija biss parti zghira tal-art li ghandhom f'idejhom ir-rikorrenti u m'huwiex ragjonevoli dak li gie implikat fir-rikors promotur fis-sens illi dan il-process ta' esproprjazzjoni ta' bicca art biex issir triq se jtellef l-ghejxien lir-rikorrenti.

"Illi, di piu, kwantu tikkoncerna artijiet li fuqhom ir-rikorrenti, jew min minnhom, ghandhom biss titolu ta' qbiela l-azzjoni tikkoncerna biss kontroll ta' uzu ta' proprjeta` u mhux tehid ta' possedimenti u hija prekluza bid-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2009, li ddecidiet il-kawza billi ddikjarat li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju, u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-procedura ta' esproprjazzjoni li saret kontra taghhom tivvjola d-drittijiet u libertajiet fundamentali taghhom a tenur tal-Artikoli 36, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 3,6, u 8 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali protetti fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"L-intimati ressqu diversi eccezzjonijiet li se jigu issa trattati.

"**Legittimu kontradittur**

"L-intimati wiegbu li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni proposta u dan *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 billi dak li qed jigi attakkat huwa l-att amministrattiv tal-Kummissarju tal-Artijiet taht il-Kap. 88.

"Dan l-artikolu gie mfisser fil-kawza **Caruana v. L-Onorevoli Prim Ministru**, deciza fil-31 ta' Mejju, 2006, fis-sens li gej:

*""Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern".*

"Illi ghalhekk skond dan l-Artikolu 181B il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

"F'dan il-kaz din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha billi mhux qed tigi mpunjata l-validita` ta' xi ligi u min-natura tat-talba din tista' tigi diretta kontra d-Dipartiment intimat billi l-esproprju nhareg mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern li ghalhekk hu d-dipartiment li ghandu jkun parti fil-kawza. L-Avukat Generali diga` hu fil-kawza tramite l-Kummissarju tal-Artijiet u kellu biss jigi notifikat kif jipprovdi s-subinciz (3).

"**Rimedju Ordinarju**

"L-intimati wiegbu wkoll li r-rikors promutur javvanza allegazzjoni ta' ksur ta' ligi u abbuz ta' poter li dwarha jezisti rimedju ordinarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319

billi r-rikorrenti ghandhom disponibbili u ghalihom mezz xieraq ta’ rimedju ghall-ksur.

“L-intimati jirritjenu li dan jista’ jsir billi s-subinciz (a) tal-inciz (1) tal-Artikolu 469(A) jistabbilixxi li l-qrati ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta’ xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni.

“Dan il-punt kien gie ezaminat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija,** deciza fit 2 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti, ghal dak li jirrigwarda dan l-apparenti konflitt bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali, qalet hekk:

““Illi l-gurisprudenza ttantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) tal-Artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta’ rikors ta’ kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 34 sa 45 maghdudin tal-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura.

“Illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b’finalita` ta’ rimedju mhux dejjem identiku. <u>Ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certu aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.</u>

“L-ghemil amministrattiv jista’ jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta’ hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fondamentali. F’dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami jsib applikazzjoni mmedjata. Fejn mill-banda l-ohra l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, <u>d-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kienitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja</u>. Indubbjament infatti bhala regola, kull

attivita` u azzjoni tal-individwu huma bhala regola gvernati mil-ligijiet ordinarji anke fejn dawn jilledu l-jeddijiet fondamentali. Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghal-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

"Kien ukoll principju ta' dritt illi l-Qrati kollha kellhom jassiguraw l-osservanza tal-Kostituzzjoni u kellhom japplikaw il-ligijiet ordinarji fid-dawl tad-disposizzjonijiet taghha. Kif l-istess kellhom l-obbligu illi japplikaw dan il-principju fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropeja li hi parti mid-dritt ordinarju tal-pajjiz.

"Ghalhekk il-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li <u>tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-Artikolu 469A</u>. Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kienitx nieqsa minn diffikolta` interpretattiva.

"It-tifsira hi li l-Qorti fil-kompetenza civili ghandha gurisdizzjoni hlief fejn il-ligi tnehhilha dik il-gurisdizzjoni u <u>r-regola tibqa' li fejn jista' jinghata rimedju tajjeb u bizzejjed mill-Qorti fil-kompetenza civili mela ma hemmx ghalfejn isiru proceduri straordinarji</u>. Dan naturalment salv dejjem il-principju illi r-rimedju mill-Qorti fil-kompetenza civili kellu jinghata biss bl-applikazzjoni tal-ligi u tar-regoli ta' dritt applikabbli fil-kamp tad-dritt civili". (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Il-lanjanzi tar-rikorrenti f'dan ir-rikors huma marbutin ma' allegati lezjonijiet dwar trattament inuman u degradanti, dritt ghall-familja, access ghall-Qorti u dritt ta' proprjeta`, kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja, (ara talbiet fir-rikors promutur). Ghalhekk dawn

l-allegati vjolazzjonijiet ma kienux ser ikunu koperti bir-rimedju ordinarju wahdu, fosthom l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, billi mhux qed tintalab dikjarazzjoni biss li dak li ghamlu l-intimati, l-att amministrattiv, huwa null immma qed jallegaw diversi lezjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali.

“Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

“**L-Artikoli 36, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3, 6 u 8 tal-Konvenzjoni.**

“L-intimati jsostnu li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni (u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni) l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni (u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ( u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni) ma japplikawx ghall-kaz in ezami (ara tielet eccezzjoni).

“L-intimati jsemmu li fil-kaz tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni l-kawza tirrigwarda esproprjazzjoni ta’ proprjeta` liema esproprjazzjoni ma tqajjem l-ebda kwistjoni dwar trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti taqbel u fil-fatt tosserva li l-lanjanza taht dan l-artikolu lanqas biss giet trattata mir-rikorrenti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom. L-esproprjazzjoni saret *ai termini* tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal-Skopijiet Pubblici (Kap. 88) u tali esproprjazzjoni ghalhekk ma taqax fid-definizzjoni ta’ trattament inuman u degradanti.

“L-istess jinghad fir-rigward tal-lanjanza taht l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu rilevanti taht l-Konvenzjoni (ara raba’ eccezzjoni) billi f’dan il-kaz mhux qed nitkellmu dwar xi dar li qed tigi esproprjata imma dwar triq biex tinbena fl-interess pubbliku. L-istess din il-lanjanza ma gietx trattata mir-rikorrenti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom.

“Kwantu ghal-lanjanza taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu rilevanti taht l-Konvenzjoni, (ara hames eccezzjoni) l-intimati jissottomettu li ma hemm xejn f’dawn l-artikoli li jfisser li l-Gvern ma jistax jesproprja proprjeta` hlief wara process gudizzjarju. Il-poter tal-Gvern li

jesproprja hu sindakabbili mill-Qorti kemm b'stharrig gudizzjarju *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 kif kostituzzjonalment u konvenzjonalment fil-limiti imposti bil-ligi. It-talba taht dan il-kap, imsemmija fir-rikors promutur, l-istess ma gietx trattata mir-rikorrenti fin-nota taghhom.

"**L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali protetti fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"It-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti kienu bazati principalment fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali protetti fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ir-rikorrenti jikkontendu li ghalkemm l-esproprju ghandu jsir biss ghal skop pubbliku u qatt ghal skop privat, fil-kaz in dezamina, il-procedura uzata saret biex tivvantagga u ghal skop uniku ta' persuna wahda li kellha interess li din l-esproprjazzjoni ssir, u tghaddi triq minn fuq proprjeta` taghhom biex taghti access lil din il-persuna. Skond ir-rikorrent l-esproprjazzjoni saret *"at the expense of third parties"* u l-intimati ma pprovawx posittivament x'kien l-interess pubbliku.

"**Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:**

*""Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghadu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jiżgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.";*

"Huwa l-obbligu tal-Istat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-esproprju jkun qed isir, *inter alia*, fl-interess pubbliku [**Pawlu Cachia v. Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001]. Dan l-interess pubbliku jrid jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprjazzjoni.

"Fil-kaz in ezami ghalkemm ir-rikorrenti qed jikkontendu li l-akkwist sar esklussivament ghan-nom u fl-interess ta' terzi, skond id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta (ara fol. 88) li l-akkwist sar ghax kien mehtieg ghall-skop pubbliku. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina ezattament ghal xiex verament saret l-esproprjazzjoni u fl-interess ta' min, jekk hux fl-interess tal-pubbliku jew merament fl-interess privat. Skond id-dikjarazzjoni tal-President imsemmija, l-art kienet mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88) u illi l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut. Din id-dikjarazzjoni hija sindakabbili minn dawn il-Qrati (Ara hames eccezzjoni u s-sentenza **Farrugia v. Kum. tal-Artijiet** PA GCD 5/3/2004).

"Mill-provi prodotti jirrizulta li kienet saret talba minn Anton Camilleri ghan-nom tal-kumpanija MS & A Developments Ltd biex issir esproprjazzjoni ta' bicca art (ara Dok a fol 151, ittra tal-Perit M.Grech u xhieda Margaret Falzon). Din l-art kienet diga` progettata bhala triq fl-i*scheme plans* biex isservi bhala triq pubblika. Saret din it-talba mid-ditta msemmija, billi din il-bicca art kienet l-unika access ghall-proprjeta` taghha, u ghalkemm kienet ipprovat tixtri din l-art minghand is-sidien ma kienx irnexxilha u ma kelliex triq ohra hlief li titlob l-esproprju taghha (ara wkoll xhieda tal-Perit Austin Attard Montaldo a fol 214).

"Il-Perit Lino Zammit tar-Roads Department spjega li meta persuna tizvilluppa l-proprjeta` taghha, skond il-Kodici tal-Pulizija, din trid tiffurma t-triq quddiem il-proprjeta` taghha u meta ma tkunx tista' taghmel hekk, ghax is-sidien tal-art ma jkunx waslu ghall-ftehim mal-izviluppatur biex jghaddulu l-art, hemm process legali li bih il-Kummissarju

tal-Artijiet jista’ jintalab jesproprja l-art li tkun intiza biex issir triq pubblika u li biha jista’ jkun hemm access ghall-proprjeta`. Meta jsir dan l-esproprju, l-art issir tal-Gvern, u dak li jkun talab l-esproprju, jhallas taghha (ara fol. 162/3).

“Margaret Falzon, mid-Dipartiment tal-Lands (ara fol. 308) xehdet li f’dan il-kaz l-esproprjazzjoni saret ghall-skop pubbliku billi kienet ser issir triq li kienet ilha mill-1988 progettata skond l-iskemi. Dwar dina l-art, id-Dipartiment kellu diversi talbiet biex issir din l-esproprjazzjoni izda effettivament d-*deed of obligation* kienet giet iffirmata biss minn MS & A Developments Ltd. L-art imbaghad saret tal-Gvern izda is-sidien ma hadux il-kumpens li gie offrut u wara depozitat (ara fol. 345 *et seq*).

“Carmel Camilleri mpjegat mal-Lands Department xehed li ghad-Dipartiment tal-Lands, jekk triq tkun skedata, din tigi konsidrata bhala triq u ghalhekk ghandha skop pubbliku. Ghalkemm it-talba ssir minn terza persuna, it-triq jixtriha l-Gvern u tibqa’ tal-Gvern. L-iskop pubbliku f’dan il-kaz kien li tinfetah triq skond l-iskema cioe` skond l-pjan regolatur. Skond ix-xhud *schemed road* hija wahda li ma tghaddiex minn fuq proprejta’ ta’ xi hadd biex taghti access lil xi hadd.

“Ir-rikorrenti opponew bil-qawwa tali esproprjazzjoni, anke fizikament, u dan ghar-ragunijiet li hemm fl-ittra tal-Perit Borg a fol. 207:-

*“1. The proposed street will divide their farm and cultivated land in a manner that besides reducing their very productive land, will make cultivation very difficult with respect to irrigation and manuring. The existing water reservoirs and livestock will be divided from the cultivated fields by the proposed street, a condition disastrous for their livelihood.*

*“2. Applicants are registered farmers and animal breeders and have been cultivating the said land and breeding animals for over forty years, long before the advent of the present development.*

*"3. The land is intensely cultivated, irrigated and yielding three crops annuwally.*

"Ir-rikorrenti jikkontendu li huma ma kienux jafu li kien hemm triq progettata, ma gewx infurmati dwar l-esproprjazzjoni u l-ewwel darba li saru jafu bl-isproprjazzjoni kien biss meta tfaccat il-gaffa fuq l-art taghhom biex twitti t-triq.

"Kif gie deciz diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg:

***""Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules:***

***"<u>the first rule</u>, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property;***

***"<u>the second rule,</u> contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions;***

***"<u>the third rule,</u> stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest.***

***"The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule***

***"(see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, pp. 29-30, § 37, Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 98, ECHR 2000-I, and Saliba v. Malta, no. 4251/02, § 31, 8 November 2005)."***

“Fil-kaz prezenti mhux ikkkontestat li meta giet esproprjata l-bicca art in kwistjoni kien hemm interferenza kemm skond t-tieni u t-tielet regola billi f’dan il-kaz partikolari r-rikorrenti huma kemm sidien in parti u pussessuri ta’ din il-bicca art u jahdmuha bi qbiela. Fil-fatt jirrizulta mill-provi li t-triq tghaddi parti minn fejn ir-rikorrenti ghandhom sehem ma’ tliet sidien ohra, u parti minn fejn ghandhom l-art bi qbiela, u dan qed nitkellmu fuq tliet kwarti ta’ tommna. Skond il-Perit Austin Attard Montaldo, ir-rikorrenti huma l-gabilotti tal-art ta’ Cikku u jhallsu l-qbiela. L-art hija wirt tal-familja Attard Montaldo. Ir-rikorrent John Farrugia kkonferma dan u qal li minn fejn tghaddi t-triq hemm erba’ sidien, u huma ghandhom parti, imbaghad hemm ta’ Montaldo, Agius, u Attard, pero` l-art tinhadem minhhom.

“Illi skond id-dikjajrazzjoni tal-President f’dan il-kaz l-art kienet mehtiega ghall-skop pubbliku ghalhekk kien hemm tehid (fejn ir-rikorrenti huma n-parti sidieni) u kontrol ta’ uzu (fejn ir-rikorrenti ghandhom l-art bi qbiela) u ghalhekk hemm interferenza *ai termini* ta’ paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol.

“Tehid ta’ proprjeta` skond it-tieni regola hija gustifikata biss jekk jintwera *inter alia* li saret fl-interess pubbliku u suggetta ghall-kondizzjonijiet previsti mil-ligi. Inoltre din l-interferenza trid tkun proporzjonata, cioe` jrid ikun intlahaq bilanc gust bejn l-interess generali tal-kommunita` u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu, u dan il-bilanc ma jintlahaqx jekk l-individu se jbati piz eccessiv (**Sporrong and Lonnroth u Brumarescu v. Romania**).

“F’dan il-kaz m’hux kontestat li l-interferenza kienet wahda legali billi saret skond il-ligi, cioe` skond l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-rikorrent gew offruti kumpens li huma ghandhom m’accettawx. L-esproprju gie pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern fl-1998 u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jghidu li ma kienux jafu (il-ligi tippresumih) li l-art kienet giet esproprjata. Apparti dan, ir-rikorrenti kellhom ikunu jafu wkoll li fuq din l-art kien hemm triq progettata sa mill-1988 meta giet approvata l-iskema mill-Parlament. Inoltre kien mar rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura fuq il-post biex jaghmel stima tal-kumpens, u

kien infurma lir-rikorrenti li minn fuq dik l-art kien hemm esproprju. Anke t-terz interessat kien ipprova jixtri din l-art minghandhom qabel ma kienet marret il-gaffa biex twitti t-triq.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma kien hemm xejn illegali fil-procedura uzata mill-intimati meta saret l-esproprjazzjoni u ma sar ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokol 1 f’dan is-sens.

“Jibqa’ li l-Qorti tezamina jekk kienx hemm ghan legittimu ghal din l-interferenza. Ir-rikorrenti qed jikkontendu li l-esproprjazzjoni saret esklussivament u fl-interess biss tat-terz privat u mhux tal-pubbliku in generali billi l-art ittiehdet biex dan it-terz ikollu access ghall-izvilupp li kien qed jaghmel.

“F’dan il-kaz jirrizulta li dawn it-triqat, l-i*scheme roads*, fosthom it-triq in kwistjoni, kienu ilhom ippjanati mill-Awtorita` tal-Ippjanar sa mill-1988. Skond il-Perit Lino Zammit dan kien process elaborat, u sar in forza ta’ ligi u kienu maghrufin u approvati mill-Parlament (ara wkoll xhieda ta’ Johann Buttigieg a fol. 270, 277, 284). Skond Margaret Falzon (ara fol. 308) l-esproprjazzjoni saret ghall-skop pubbliku billi kienet ser issir it-triq li kienet progettata minn qabel. Id-Dipartiment kellu diversi talbiet biex issir din l-esproprjazzjoni izda d-*deed of obligation* kienet saret biss minn MS & A Developments Ltd.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Carmelo Vella et v. Segretarju tad-Djar et** deciza fit-30 ta’ Dicembru, 1993, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-interess pubbliku qatt ma jista’ jirreferi ghal interess essenzjalment privat. *“L-interess huwa dejjem privat,”* kif spjegat dik il-Qorti, *“meta m’ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadini, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat”*. Dik il-Qorti kompliet tispjega li jekk ma jigix precizat sew il-kuncett tal-interess pubbliku, allura dan l-“interess pubbliku” jista’ jintuza biex jimmina d-drittijiet fondamentali u l-libertajiet tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja.

"L-<u>iskop pubbliku</u> kontemplat fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88, li a bazi tieghu sar l-esproprju, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi <u>interess ta' terz</u>. Il-Ligi tiddefinixxi x'inhu skop pubbliku f'dan l-artikolu bhala li jfisser kull skop li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu esklussiv tal-Gvern jew ma' l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (<u>sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le</u>) jew ma' jew ghall-ippjanar tal-ibliet".

"Il-Qorti tal-Appell kellha l-okkazzjoni li tfisser dan l-'iskop' fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Mario Cutajar noe. v. Il- Kummissarju ta' l-Art et**, fejn irriferit ghal dak li qalet l-Qorti Ewropeja fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu ***"the public interest"*** **fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li rriteniet illi** ***"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". <u>Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest</u>".*** Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza **James and others (1986)** giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: ***"The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".***

"Fil-kaz in ezami, ghalkemm l-esproprju sar fuq talba ta' terz, kif wara kollox anke tipprovvdi l-ligi, l-Qorti izda hi tal-fehma li l-mizura li minnha qed jilmentaw ir-rikorrenti kienet wahda li kellha ghan legittimu billi l-intimati kienu qed jattwaw skema ta' triqat li kienet ilha progettata fl-interess tal-pubbliku in generali, u li skattat biss meta terz partikolari obbliga ruhhu li jhallas ghall-esproprjazzjoni.

"Finalment il-Qorti trid tara jekk din l-intereferenza kienitx gustifikata. Kif qalet il-Qorti ta' Strasbourg*: "In an area as complex and difficult as that of the development of the country, the Contracting States should enjoy a wide*

*margin of appreciation in order to implement their planning policy* (ara **Terazzi v. Italy** u **Elia v. Italy**). Madanakollu lill-Qorti jrid jirrizultalha li nzamm bilanc gust bejn id-dritt tal-istat u d-dritt tal-individwu.

“F’dan il-kaz l-art ittiehdet biex tigi furmata triq fl-interess pubbliku u din it-triq li kienet ilha progettata. Kien se jibbenefika minnha anke terz privat imma l-iskop pubbliku in generali baqa’ jissusisiti u t-triq ma kienitx se tkun wahda privata imma proprjeta` tal-Gvern. Inoltre r-rikorrenti ghandhom tmint itmiem li minnhom l-art li ttiehdet tikkonsisti f’xi nofs tomna jew tliet kwarti, u l-kumplament baqa’ ghand ir-rikorrenti li baqghu jahdmuh. Ir-rikorrenti ghandhom biss sehem wiehed minn erbgha bhala sidien u l-qbija tal-art qeghda ghandhom biss bi qbiela. Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti mhux se jbatu piz eccessiv billi l-art li hija milquta bl-esproprjazzjoni hija biss parti zghira mill-art li r-rikorrenti ghandhom f’idjehom.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Giljan Farrugia u John Farrugia li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

“......joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata **Paul Farrugia, Giljan Farrugia u John Farrugia v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**, Rikors Nru 696/99 billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.”

Rat ir-risposta taz-zewg intimati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' razzett b'raba mieghu f'San Gwann, filwaqt li s-socjeta` kummercjali MS & A Development Ltd ghandha sit fil-vicinanzi accessibbli mill-ghalqa tar-rikorrenti. Il-Gvern, zmien ilu, kien hareg pjan regolatur ghall-*area* in kwistjoni u stabbilixxa s-sit tas-socjeta` msemmija bhala tajba ghall-izvilupp u ppjanta toroq li jwasslu ghal dan is-sit. Wahda minn dawn lis-*scheme roads* tghaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti, u peress li s-socjeta` msemmija kienet waslet biex tizviluppa s-sit taghha (fil-fatt applikat ghal permess li tibni madwar 75-il appartament u 170 *garage*), fil-11 ta' Awwissu 1997, talbet lill-Gvern jniedi l-proceduri mehtiega ghall-esproprjazzjoni tal-art mehtiega biex tigi mahluqa t-triq skedata.

Ir-rikorrenti oggezzjonaw ghal din l-esproprjazzjoni peress li jsostnu li huma jaqilghu l-ghexien taghhom mir-raba fl-inhawi. Wara li kien beda jidher li l-opposizzjoni taghhom ma kienitx se thalli frott, irregistraw din il-kawza li fiha allegaw li l-esproprjazzjoni li ghamel il-Gvern ma saritx ghall-skop pubbliku, izda biss fl-interess ta' terzi, u cioe`, tas-socjeta` MS & A Developments Ltd. Ir-rikorrenti fir-rikors promotorju ressqu wkoll aggravji ohra fil-kuntest tal-esproprjazzjoni, pero`, mir-rikors tal-appell taghhom jidher car li huma qed jilmentaw mill-fatt li, skond huma, it-tehid forzuz ma sarx fl-interess pubbliku.

L-ewwel Qorti kienet cahdet l-ilmenti kollha tar-rikorrenti wara li qieset li l-esproprjazzjoni ma saritx biex tivvantagga u ghal skop uniku tal-persuna wahda li kellha interess li din l-esproprjazzjoni ssir. Kif inghad, ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza u qed jinsistu li fil-verita` l-esproprjazzjoni saret fl-interess ta' kumpanija partikolari u mhux veru fl-interess pubbliku.

Ghar-rigward l-iskop pubbliku tal-esproprjazzjoni, din il-Qorti tara li, ghalkemm l-izvilupp tas-sit adjacenti r-raba tar-rikorrent sejjer isir minn kumpanija privata, dan ma jtellifx l-"interess" tal-pubbliku fil-progett u li jkun hemm access adegwat ghall-kumpless. Din il-Qorti tinnota li hi

kienet diga` trattat dan il-punt *funditus* fil-kawza **Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Art**, deciza fl-10 ta' Lulju 2009. Din il-Qorti trattat il-materja bil-mod li gej:

"Fit-tieni aggravju taghom, ir-rikorrenti appellanti jissottomettu illi ladarba parti mill-artijiet li gew zviluppati gew mikrija lil terzi fis-settur privat, m'ghadux gustifikabbli fl-interess pubbliku li l-esproprju jigi konkluz fit-termini originali tieghu, u l-art tista' tigi restitwita lis-sidien taghha kif soggetta ghall-kirja prezenti, versu hlas tal-kera li jkun proporzjonat ghall-valur attwali tal-art, eskluzi l-benefikati, kif jikkontempla l-istess Kap. 88.

"Dan l-ilment jincidi fuq il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi "interess pubbliku", u jekk il-fatt li terz privat ikun b'xi mod se jibbenifika mill-esproprju, jinnewtralizzax dan il-kuncett. Kif gie affermat minn din il-Qorti (fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg) fil-kawza **Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et**, deciza fit-28 ta' Jannar 2008, l-interess pubbliku qatt ma jista' jirreferi ghal interess essenzjalment privat. L-interess huwa dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra, pero`, il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprjazzjoni[1] , jew ikun involut b'xi mod fit-thaddim, anke jekk bi profitt ghalih[2], ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprjazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprjazjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku.

"Fil-kaz **James and others v. The United Kingdom**[3], il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk: *"... ... a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private*

---

[1] Ara **Salvatore Abdilla v. Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et,** Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Mejju 2003; **Mario Cutajar noe v. Il-Kummissarju ta' l-Art et**, Qorti Kostituzzjonali 30 ta' Novembru 2001.

[2] **Emanuela Vella pro et noe v. Kummissarju ta' l-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali 27 ta' Marzu 2003.

[3] 21 ta' Frar 1986. A. 98 pp. 30-32. Din is-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg giet ukoll ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Maria Stivala v. Kummissarju ta' l-Artijiet et** moghtija fil-11 ta' April 2006.

*party cannot be 'in the public interest'. Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest ... a taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other polices may be 'in the public interest', even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken ... ... Furthermore, the notion of 'public interest' is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve considerations of political, economic and social issues on which opinion within a democratic society may reasonably differ widely. The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is 'in the public interest' unless that judgment be manifestly without reasonable foundation."*

"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa ovvju li dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh. Huwa logiku li l-implimentazzjoni ta' progett ta' tali importanza stategika u ekonomika ghall-pajjiz bhalma hu l-Freeport, trid issir ghall-inqas inizjalment mill-Istat u dan anke permezz ta' esproprjazzjoni ta' art, fejn hu necessarju. Pero`, dan ma jfissirx li ladarba l-Gvern hass li l-progett tal-Freeport kien gie varat u avvjat bizzejjed, ma jistax jipprivattizzah u/jew jghaddi l-gestjoni tieghu lil terz fil-privat, kif fil-fatt jirrizulta li sar. Din il-privatizzazzjoni bl-ebda mod ma xxellef mill-"interess pubbliku" tal-progett. Il-Gvern xorta se jkompli jdahhal renta konsiderevoli li tizdied kull sena minghand it-terz. Fil-fatt fl-ahhar tat-tletin sena kirja, il-Gvern se jkun dahhal $331 miljun. Jirrizulta li d-dhul dirett mix-xoghol tal-Freeport ghall-azjendi li joperaw go fih ilahhqu ghal madwar Lm21 miljun fis-sena. Hemm mijiet ta' nies impjegati ma' azjendi li jahdmu direttament jew indirettament fix-xoghol tal-Freeport. Il-Gvern ser idahhal dhul f'forma ta' taxxi minn fuq id-dhul ta' dawn l-impjegati kollha, kif ukoll dhul fil-forma tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fuq ix-xiri u konsum ta' prodotti u servizzi mill-impjegati u minn kumpaniji ohra. Dan apparti id-dhul fuq

is-sisa u dazju minn fuq il-bejgh ta’ *fuel* ghall-ingenji, apparti energija elettrika.

“Il-fatti fis-sentenza **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. L-Avukat Generali et** deciza fit-8 ta’ Frar 2007 minn din il-Qorti, li ghaliha jaghmlu riferenza r-rikorrenti appellanti, kienu jikkoncernaw it-tehid ta’ proprjeta` ghal pussess u uzu, li min-natura tieghu, huwa intiz bhala mizura temporanja, u mhux akkwist ta’ art b’xiri assolut bhal fil-kaz odjern. Inoltre, f’dak il-kaz, l-art li ttiehdet kienet qieghda tintuza biex tiffinanza attivitajiet kulturali principalment ta’ natura privata, u ma kienitx qed tintuza ghal xi progett ekonomiku ta’ importanza strategika nazzjonali bhal fil-kaz odjern.”

Anke f’dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-esproprjazzjoni li saret tar-raba in kwistjoni bl-ebda mod ma xxellef mill-“interess pubbliku” tal-progett. L-interess pubbliku hu marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` jkun qed jintuza. Fil-kawza **Cutajar noe v. Kummissarju tal-Art et**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Novembru 2001 kien gia` gie abbracjat dan il-principju meta gie kkunsidrat li:

“Ma jista’ jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta’ sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta’ kura jifforma parti mill-infrastruttura ta’ kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f’cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jaddotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta’ kura alternattivi ghal dawk tal-Isptarijiet Pubblici. Ma kienx hemm allura l-ebda dubju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar Privat kien fih innifsu zvilupp ta’ interess pubbliku.”

Il-progett li qed isir mis-socjeta` kummercjali kellu, addizzjonalment, applikazzjoni wkoll ta’ beneficcju u utilita` ghall-kollettivita`, u ghalhekk mhux purament u/jew esklussivament fl-interess tal-privat, kif gie sostnut mill-appellanti.

Fil-kawza **Abdilla v. Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2003, ikkwotat is-sentenza taghha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Cutajar noe v. Il-Kummissarju tal-Art et** fejn kienet qalet hekk:

"Il-Qorti Ewropeja fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu *"the public interest"* fl-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi *"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannont be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, <u>depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest</u>."* Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza **James and others** (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: *"The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken."*

L-esproprjazzjoni in kwistjoni ma saritx biex takkomoda l-interessi tat-terz privat, ghalkemm hija wkoll sejra tiehu vantagg, izda l-iskop kien u baqa' wiehed fl-interess tal-generalita` tal-pubbliku. Tista' tghid li kull ftuh ta' triq jew pjazza tkun ta' vantagg ghas-sidien tal-artijiet limitrofi, pero` hu ovvju fl-interess pubbliku li l-Gvern jahseb ghal *town planning*. Kwindi d-deprevizzjoni li sejrin isofru r-rikorrenti hija koperta bil-proviso ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja, peress li l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` saret fl-"interess pubbliku", u dak l-iskop baqa' jissussisti sal-lum. L-izvilupp li jrid jaghmel il-Gvern fl-inhawi, anke bl-ghajnuna ta' interessi privati, huwa *"in pursuance of legitimate social, economic or other policies",* ghax li tinholoq *area* ta' *housing* ghal pubbliku in generali, b'toroq adattati, huwa zgur ta' interess generali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost minn Giljan Farrugia u John Farrugia billi

tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------